Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 15,502, 29 ta' Ottubru, 1991
Taqsima B

A.L. 167 ta' l-1991

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-'INCOME' (KAP. 123)

Ordni ta' l-1991 dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq l-'Income' dwar 'Stock' Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp (Nru. 10)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 11 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru tal-Finanzi ordna li l-imgħax kull sena li jitħallas fuq it-Tielet Ħruġ ta' Lm1,000,000 3% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 2001 kif avżat fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 15,479 tat-3 ta' Settembru, 1991 (A.L. 132 ta' l-1991), għandu jkun eżentat mill-ħlas tat-taxxa fuq l-*income*.